

Talbiet

- jannulla kemm id-deċiżjoni tal-Europol tad-29 ta' Lulju 2014, sa fejn din id-deċiżjoni ma tatix lir-rikorrenti kuntratt għal żmien indeterminat u sa fejn tofrilha kumpens ta' EUR 10 000, kif ukoll id-deċiżjoni tat-22 ta' Mejju 2015, sa fejn din tiċħad l-ilment tar-rikorrenti kontra d-deċiżjoni tad-29 ta' Lulju 2014;
- tikkundanna lill-Europol għall-ispejjeż, inklużi l-ispejjeż tal-avukati.

Rikors ippreżentat fil-21 ta' Awwissu 2015 – ZZ vs Il-Kummissjoni**(Kawża F-121/15)**

(2015/C 354/69)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet***Rikorrenti:* ZZ (rappreżentant: M. Casado García-Hirschfeld, avukat)*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea**Suġġett u deskrizzjoni tat-tilwima**

Annulament tad-deċiżjoni ta' ċaħda tal-kandidatura tar-rikorrenti fil-pożizzjoni li kienet is-suġġett tal-avviż ta' pożizzjoni vakanti COM/2014/2036, ibbażat fuq in-nuqqas ta' osservanza tal-kundizzjoni ta' interruzzjoni tal-kuntratt għal terminu ta' sitt xhur qabel ir-reklutaġġ ta' membru tal-persunal li preċedentement kellu kuntratt fil-grad AT2c, b'applikazzjoni tan-Nota D(2005)18064 tat-28 ta' Lulju 2005 tad-DG HR, kif ukoll il-kumpens għad-danni materjali u materjali allegatament subiti.

Talbiet

- tannulla d-deċiżjoni tat-22 ta' Mejju 2014 li fiha d-DG RRHH opponiet ruħha għar-reklutaġġ tar-rikorrenti;
- tannulla, sa fejn ikun hemm bżonn, id-deċiżjoni tal-14 ta' Novembru 2014 li tiċħad l-ilment;
- tordna l-kumpens għad-dannu finanzjarju u morali tar-rikorrenti li jirriżultaw minn dawn id-deċiżjonijiet stmati, mingħajr preġudizzju għal evalwazzjoni mill-ġdid, għas-somma ta' EUR 326 275, fejn il-kumpens mogħti għandu jiġi miżjud bl-interessi moratorji indiċizzati;
- tikkundanna lil Il-Kummissjoni għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fit-22 ta' Awwissu 2015 – ZZ vs Il-Kummissjoni**(Kawża F-122/15)**

(2015/C 354/70)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet***Rikorrent:* ZZ (rappreżentanti: S. Orlandi u T. Martin, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Suġġett u deskrizzjoni tat-tilwima

Annullament tad-deċiżjoni ta' trasferiment tad-drittijiet għall-pensjoni tar-rikorrent fl-iskema ta' pensjoni tal-Unjoni, li tapplika d-dispożizzjonijiet ġenerali ta' implementazzjoni (DĠI) il-ġodda tal-Artikolu 11(2) tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal.

Talbiet

- tiddikjara illegali l-Artikolu 9 tad-dispożizzjonijiet ġenerali ta' implementazzjoni tal-Artikolu 11(2) tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal;
 - tannulla d-deċiżjoni tas-6 ta' Jannar 2015 li tikkonferma t-trasferiment tad-drittijiet għall-pensjoni miksuba preċedentement għad-dħul fis-servizz tiegħu skont id-dispożizzjonijiet ġenerali ta' implementazzjoni tal-Artikolu 11 (2) tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal tat-3 ta' Marzu 2011;
 - tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.
-